TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 377/10

**Joanie Baldacchino**

**vs**

**Melita plc**

Illum 16 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija u tmienja u sebgħin ewro (€378), rappreżentanti prezz ta' servizz ta' installazzzjoni, kif ukoll spejjeż involuti.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet irċeviet telefonata fejn kienu se jibdlulha is-sistema għal dik diġitali u ma ġiex spjegat lilhom il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, kif ukoll illi r-raġel ma jafx jaqra bl-ingliż.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-kuntratt ġie ffirmat u li kienu jafu bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, billi s-soċjeta' intimata lanqas avżawhom illi kienu ser jibdlulhom is-servizz u di piu t-Tribunal jagħmilha ċara għan-nuqqas serju tas-soċjeta' intimate, li meta jmur *technician* kemm jgħidilhom biex jiffirmaw u ma jgħidilhomx bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Għal dan in-nuqqas, is-soċjeta' intimata diġa' kien hemm diversi drabi fejn ġiet imwissija sabiex dan m'għandux jibqa jsir u xorta baqgħet tagħmel hekk.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi l-flus kollha illi ħallset ir-rikorrenti, ħlief dak tas-servizz li kienu qegħdin jużaw biex jaraw it-televiżjoni, b'dan illi jiġi terminat il-kuntratt tal-melita li ġie ffirmat, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**